MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1111/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Josef Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c., li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion datat l-1 ta' Novembru 2012 (Dok. "A"), fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Josef Borg;

Is-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Josef Borg fis-somma ta' mija u tlieta u sebghin elf, hames mija u tmienja u tletin ewro u disa' centezmi (€173,538.09), bilanc ghad-debitu

fil-“*Loan Account*” ta’ Josef Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B”), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Ottubru 2013 sad-data tal-effettiv pagament;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dok. “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josef Borg:

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti; (b) kien inadempjimenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Josef Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Il-konvenut Josef Borg gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Awwissu 2013, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “C”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dok. “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josef Borg (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti; (b) kien inadempjimenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Josef Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

Tikkundanna lil Josef Borg ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tlieta u sebghin elf, hames mija u tmienja u tletin ewro u disa’ centezmi (€173,538.09),

bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Josef Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Awwissu 2013, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Josef Borg ma ressaq ebda twegiba u lanqas ma deher.

Semghet lix-xhud Rose Cortis tixhed viva voce.

Rat li, ghalkemm moghti l-fakulta' li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, dan ma ghamel xejn.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tal-Bank rikorrenti jinsabu pruvati sal-grad rikjest mil-ligi u jisthoqqilhom jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' Bank of Valletta p.l.c. kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Josef Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------